## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA 09/2020

**12 ta' Ġunju 2020**

KAMRA TAL-PERITI

*To support members of the profession in achieving excellence in their practice of architecture and engineering in the interest of the community*

## Il-Kamra tal-Periti tfakkar iċ-ċentinarju tagħha

Illum il-Kamra tal-Periti tiċċelebra mitt sena ta' servizz lejn il-professjoni u s-soċjeta'.

Is-sisien tal-Kamra bdew jitqiegħdu fil-qalba ta' l-irvellijiet tas-Sette Giugno ta' l-1919 meta, minkejja s-sitwazzjoni mqanqla tar-rewwixti u tat-tmiem tal-pandemija ta' l-influenza Spanjola, il-Gvernatur il-ġdid, Field Marshall Herbert Charles Onslow Plumer ġab fis-seħħ l-Ordinanza ta' l-Arkitetti fil-25 ta' Lulju 1919. Ftit inqas minn sena wara, fit-12 ta' Ġunju 1920, waqqaf il-Kamra ta' l-Arkitetti, illum magħrufa bħala l-Kamra tal-Periti, permezz tan-Notifika tal-Gvern Numru 202.

Bħala l-uniku korp professjonali rikonoxxut sabiex jirrappreżenta lill-arkitetti u inġiniera ċivili f'Malta, l-għan ewlieni tal-Kamra hu li jagħti sostenn lill-membri tal-professjoni sabiex jilħqu l-eċċellenza fil-prattika ta' l-arkitettura u l-inġinerija ċivili fl-interess tal-komunita'. Għandha wkoll ir-rwol li tinvestiga allegazzjonijiet ta' kondotta mhux xierqa jew abbużi minn periti fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom.

Matul is-snin, il-Kamra tal-Periti stabbilixxiet ruħha bħala l-vuċi tal-professjoni, u ħadet ukoll ir-rwol li tippromovi l-valuri ekonomiċi, soċjali, kulturali u sostenibbilta' ambjentali fost il-membri tagħha, kif ukoll li tisħaq fuq is-sbuħija ta' fl-arkitetturra u l-ambjent mibni.

Filwaqt li tħares lura għal dan is-seklu li għadda, il-Kamra tal-Periti issa tħares 'il quddiem għal futur mibni fuq numru ta' prinċipji fundamentali: kwalita', disinn, komunita', progress, identita', innovazzjoni, kultura u sostenibbilta'. Dawn huma l-elementi li jiffurmaw l-ambjent mibni, u jfasslu l-qofol ta' l-ispazji li nokkupaw fil-preżent, u għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin.